# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Romina Bugeja**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Romina Bugeja**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 325677M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli fl-1 ta' Settembru 2014 u fil-15 ta' Settembru 2014 fir-residenza "Edera", Triq Mons Anton Cilia, Ħaż-Żebbuġ, Malta mingħajr ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li kellha, fixklet lil Emanuel Bugeja fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor, kontra l-liġi.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fid-dati in kwistjoni bejn l-imputata u l-parte civile l-imputata kienet diġa ddeċidiet li tibda proċeduri ta' separazzjoni personali minn ma żewġha l-parte civile. Biss ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li fid-dati in kwistjoni u bejnhom, l-imputata, minn jeddha, mingħajr ftehim ma żewġha u mingħajr l-awtorita tal-awtorita' ġudizzjarja, għażlet li ssakkar almenu żewġt ikmamar fid-dar matrimonjali tagħha. L-imputata tiddefendi ruħa billi tgħid li hija għamlet dan biex tiddefendi lilha nnifisha minn xi atti t'aggressjoni eżerċitati kontriha mill-parte civile kif ukoll għax kienet qegħda tibża li żewġha l-parte ċivile setgħa jagħmlilha xi ħaġa ħażina.

Ma ġiex pruvat li fil-perjodu in kwistjoni kien hemm il-ftehim bejnha u bejn żewġha li hija setgħet liberament issakkar il-bibien ta' dawn iż-żewġt ikmamar. L-anqas ma nġiebet il-prova li hija kienet awtorizzata tagħmel dan mill-Qorti kompetenti.

Fil-kawża ***Il-Pulizija versus Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal : -

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better

> left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages.....” (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law” (Parti Speċjali) Vol. II).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala : -

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.

Fil-fatt kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra***, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna ;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi ;

Issa hawnhekk si tratta ta' persuni miżżewġin li għadhom fi stadju ta' separazzjoni personali. Ma hemm ebda deċiżjoni ta' Qorti jew kuntratt bejniethom li jirregola d-drittijiet rispettivi. Huma baqgħu jirrisjedu t-tnejn li huma fl-istess fond, ossija fl-istess dar matrimonjali, għalkemm jorqdu fi kmamar separati. Bil-fatt li l-imputata sakkret il-bibien ta' dawn iż-żewġt ikmamar hija għalqet l-aċċess lil żewgha għal dawn iż-żewġt ikmamar. **<u>Sa dak il-punt</u>** iċ-ċwievet kienu miżmuma minnha u ma jirriżultax li kien hemm ċwievet oħra li bihom il-parte civile setgħa jiftaħ il-bibien ta' dawn il-kmamar. Naturalment il-parte civile ma setgħax jaqbad u jisfronda jew jiżgassa dawn il-bibien. Huwa għażel li jirrikorri għall-awtorita' ġudizzjarja. L-imputata dan ma għamlitux.

Fil-kawża fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Raymond Pace***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Diċembru 2000 ġie deċiż is-segwenti : -

> Fil-fehma tal- Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala "ko-possessuri" tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal- Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-possessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Georgina Gauci*** li ghaliha ghamlu referenza kemm l- appellant kif ukoll l-Avukat Generali). Il-konjugi jibqghu hekk ko-possessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawza ta' seperazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi ghandu jibqa', *pendente lite*, f'dik id-dar ad eskluzjoni tal-parti l-ohra (Artikolu 46, Kap.

> 16). Kieku kien mod iehor, cioe` kieku l-parti li thalli d-dar matrimonjali *pendente lite* titlef id-dritt taghha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'hin trid terga' tidhol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tigi nieqsa incentiva kbira ghar- rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-ligi tiffavorixxi r-rikonciljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) U 58(1) tal-Kap. 16).

Din il-Qorti tinterpreta din is-sentenza li tinkludi l-jedd tad-tgawdija għad-dar kollha – ossija tal-kmamar u l-ambjenti kollha li jiffurmaw l-istess dar. Għalhekk il-prinċipju li japplika għall-bieb ta' barra għandu jiġi ritenut applikabbli wkoll għall-bibien interni tal-kmamar fl-istess dar matrimonjali. Altrimenti l-insenjament ta' din is-sentenza (u diversi oħrajn li segwewha) jiġi stultifikat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-għerf tagħha, taf li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn persuna tista' tħoss l-inkolumnita tagħha mhedda għal raġuni jew oħra. Għalhekk l-istess sentenza tipprovdi wkoll ir-rimedju:-

> S'intendi, dan ma jfissirx li minn jibqa' fid-dar matrimonjali ma jistax jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli sabiex jassigura, per ezempju, li terzi persuni li ma ghandhomx dritt jidhlu fid-dar ma jidhlux. Tali prekawzjonijiet ragjonevoli jistghu jkunu jirrikjedu t-tibdil tac-cavetta tal-bieb ta' barra; pero` jekk isir hekk irid jigi assigurat mill- banda l-ohra li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali jkollha l-possibilita` li tidhol fid-dar x'hin trid, u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar.

S'intendi l-prekawzjonijiet li xtaqet tieħu l-imputata kienu li jekk ma ġġibx il-kunsens ta' żewġha biex tkun tista' ssakkar dawn il-kmamar, almenu tadixxi lill-Qorti kompetenti għall-awtorizzazzjoni meħtieġa.

Iżda qatt li tagħmel *di privato braccio* dak li huwa riżervat għall-awtorita ġudizzjarja.

Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Ottubru 2001 ġie deċiż li : -

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

Issa f'dan il-każ preżenti huwa veru li l-imputata ma bidlitx is-serratura taċ-ċwievet tal-bibien interni. Iżda bl-azzjoni unilaterali tagħha, konsapevoli mill-fatt li żewġha ma kellux ċwievet extra, hija kienet qegħda fil-fatt taqfel lil żewġha barra minn dawn il-kmamar fid-dar matrimonjali, mingħajr ma ħallietlu mezz kif ikun jista' jaċċedi għalihom għajr ħlief billi jisfronda l-istess bibien u mhux bil-mezz naturali kif bieb jinfetaħ skont il-mezz ta' sokor li jkollu.

Tant hu veru li huwa ma setgħax jerġa jidħol f'din il-parti tal-fond matrimonjali għajr ħlief meta mbagħad mar u rnexxielu jakkwista sett ċwievet ġodda mill-ħanut li mingħandu snin qabel kien xtara s-serraturi għal dawn il-bibien. Mhux talli hekk talli kellu jixtri s-sensiela kollha taċ-ċwievet disponibbli għal dawn it-tip ta' serraturi in kwantu ma kellux idea liema ċavetta setgħet kienet taqbel mas-serratura tal-bibien interni tad-dar tiegħu.

Pero dan il-fatt ma jinċidi bl-ebda mod fuq in-nuqqas tar-responsabbilta' tal-imputata f'dan il-każ u fil-perjodu rilevanti għal din il-kawża. Dan peress li għaliha, l-intenzjoni tagħha kienet li, tajjeb jew ħażin, minn jeddha, mingħajr ftehim ma' żewġha u mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja, ssakkar dawn il-bibien u ċċaħħad lil żewġha mill-unika ċwievet li kienu disponibbli għalihom u b'hekk taqflu barra l-imsemmija kmamar bil-konsegwenza li ċċaħdu mill-aċċess li huwa legalment kellu għall-imsemmija kmamar. Il-fatt li żewġha rnexxielu jottjeni kopja ta' ċavetta **wara** li l-imputata kienet għamlet din l-azzjoni ta' ssikkar tas-serratura ma jeżonerahiex mir-responsabbilita' tagħha li twettaq l-azzjoni unilaterali hawn fuq deskritta fl-ewwel lok.

Kif intqal ukoll fis-sentenza ***Said*** hawn fuq imsemmija : -

> Issa fil-kaz in ezami, ma hemmx dubju li Raymond Said kellu id-dritt li jgawdi il-flat de quo larba kienet ghadha ma saritx separazzjoni bejnu u bejn martu li tassenjalha dan il-post bi proprjeta' jew uzu esklussiv . Lanqas ma kien hemm xi digriet tas-Sekond' Awla jew tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li jallontanah mill-post de quo "pendente lite" .

Bl-azzjoni tagħha li ssakkar il-kmamar de quo, l-imputata ma kienetx qegħda biss iċċaħħad lill-parte civile mill-aċċess għall-imsemmija kmamar iżda wkoll mill-aċċess u t-tgawdija tal-oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti misjuba fl-imsemmija kmamar. Hekk per eżempju jingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Lawrence Camenzuli*** :-

> B'dan il-mod, u ghar-ragunijiet aktar 'il fuq imfissra fis-sentenza citata, hu

> kien qed ifixkel lil martu fil-pussess ta' hwejjigha ossia jindahal fi hwejjigha, kemm ghal dik li hi d-dar matrimonjali kif ukoll ghal dawk li huma oggetti fid-dar li huma proprjeta` taghha jew li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ma jirrizultax li fil-perijodu in kwistjoni kien hemm ordni tal-qorti kompetenti li kienet tawtorizzah jaghmel hekk, ossia li kienet tiddetermina li hu seta' joqghod fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' martu. Jekk kien qieghed jibza' ghall-inkolumita` tieghu, l-appellant kellu rimedji gudizzjarji li seta' jaghmel uzu minnhom - seta' per ezempju dak iz-zmien irrikorra quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ciuvili skond l-artikolu 6A tal-Kap. 16. Ma setax, pero`, jiehu l-ligi f'idejh u jippriva lil martu mit-tgawdija tad-dar matrimonjali u ta' l-oggetti ta' go fiha. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabitu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Fil-parametri ta' dak kollu mistqarr aktar il-fuq din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament tal-Imħallef David Scicluna f'din il-kawża imsemmija.

Din il-Qorti tqis li l-elementi kollha tar-reat ta' raġjon fattasi ġew debitament pruvati u integrati f'dan il-każ : -

a) L-ewwel element huwa pruvat għaliex l-azzjoni tal-imputata li ssakkar lill-żewġha barra mill-kmamar imsemmija kien jikkostitwixxi att estern li mpedixxa lil żewġha minn dritt li huwa jgawdi, u li dan sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' żewġha – tant li wassal mhux biss għal diversi diverbji oħra iżda wkoll sfoċa f'dawn il-proċeduri penali;

b) l-imputata kienet qegħda temmen li qed taġixxi bi dritt għaliex skontha hija kellha dritt li tissalvagwarda l-interessi tagħha f'darha u ħwejjiġha – proprjeta mibnija fuq art mogħtija mill-ġenituri tagħha lilha, iżda mibnija bi flusha u flus żewġha;

c) ix-xjenza tal-imputata li qed jieħu b'idejha dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali huwa wkoll ippruvat għaliex hija kellha d-dmir li jew tottjeni l-kunsens ta' żewġha jew li tadixxi l-Qorti kompetenti għad-debita awtorizzazzjoni – ħaġa li hija ma għamlitx – għalkemm tistqarr fix-xiehda tagħha li f'xi mument meta spiċċaw quddiem il-Pulizija kien allegatament sar ftehim ma' żewġha biex hi tkun tista ssakkar il-kmamar de quo – għalkemm ma nġiebet ebda prova li dan il-ftehim sar u sar qabel id-dati rilevanti għal dan il-każ;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi. F'dan il-każ, ma jirriżultax li l-azzjoni tagħha tinkwadra ruħha f'reat aktar serju minn dak tar-*ragion fattasi*.

## ***Decide***

Li wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputata Romina Bugeja ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha; iżda peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu

l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum il-11 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***